TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 234/16/F

**Lawrence u Therese Zammit**

**vs**

**D.Tanti & Co. Ltd.**

Illum 11 t'April, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-12 ta' Diċembru, 2016 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' mitejn u disgħin ewro (€290), rappreżentanti prezz ta' nuċċali illi kellu l-problemi.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba.

It-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejjħa tlett darbiet ma dehritx għas-seduta, u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ordnaw nuċċali mingħand is-soċjeta' ntimata għall-prezz ta' mitejn u disgħin ewro (€290), u wara li mar jiġbru ma bediex jara sew minnu, u kif ukoll beda jimbarax u ma ridux jibdlulu dan in-nuċċali.

It-Tribunal, jinnota illi l-intimat ma kkontestax din it-talba.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn u disgħin ewro (€290), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888